MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1278/2003

**Citadel Insurance Plc kif surrrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Carmel Baldacchino u l-istess Carmel Baldacchino**

**vs**

**John Bonnici li b'nota tal-25 ta' Awissu 2003 assuma l-atti bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Andreas Schider**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm233.92) rapprezentanti danni sofferti bhala konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Settembru 2001 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal-Luqa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LDK 173 misjuqa mill-konvenut Andreas

Schider u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 303 misjuqa minn u propjeta' tal-attur Carmel Baldacchino u assikurata mas-socjeta' attrici, liema ncident gara unikament tort tan-nrgligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u ghal liema ncident jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluizi dawk ta' kull att kawtelatorju precedenti u tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2003 u ta' dik prezentata konteswalment mal-avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligiijiet ta' Malta u bl-imghaxijieet sal-pagament effettiv.

Ra n-nota prezentata minn John Bonnici fejn huwa accetta l-bandu ghall-kuraturi u assuma l-atti ghan-nom tal-assenti Andreas Schider.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut Andreas Schider izda gara tort u htija ta' l-assikurat ta' l-attur hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt il-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla, ta' Carmel Baldacchino, ta' PS 947 Adrian Paul Vella u ta' Anthony Farrugia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Settembru 2001, fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 404 misjuqa u proprieta` tal-attur Carmel Baldacchino u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LDK 173 misjuqa mill-konvenut Andreas Schider. Carmel Baldacchino xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 404 fuq l-*inner lane* u cioe` fil-karreggiata tal-lemin  fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa. Huwa kien gej mid-direzzjoni ta' Hal-Kirkop (mid-

direzzjoni ta’ l-Airport) u ried jibqa’ sejjer dritt lejn Hal-Qormi u cioe` jghaddi minn quddiem l-Airport l-antik. Baldacchino jsostni li l-konvenut kien gej min-naha tax-xellug tieghu, qasam quddiemu biex idur mar-*roundabout* u b’hekk sehh l-impatt. Huwa jispjega li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-faccata ta’ quddiem man-naha tax-xellug mentri dik fil-vettura tal-konvenut kienet man-naha tal-lemin izda fuq wara.

In kontro-ezami l-attur spjega li l-incident sehh biswit ir-*roundabout* li minnha tidhol ghal Hal-Luqa, cahad li z-zewg vetturi kienu biswit xulxin u irribadixxa li huwa kien quddiem il-konvenut izda fil-lane ta’ gewwa, izda sussegwentement qal li lill-konvenut ma kienx rah qabel il-habta.

Il-konvenut ma xehedx f’dawn il-proceduri peress li huwa assenti minn Malta izda xehed rapprezentant tal-assikurazzjoni li kienet harget polza fuq il-vettura minnu misjuqa u esebixxa skizz imhejji mill-konvenut immedjatament wara l-incident (a fol. 56). Fir-Road Accident Repoprt (a fol. 43) et seq insibu li *a tempo vergine* il-konvenut kien qal hekk:

*“Driver of vehicle number LDK 173 stated that he was proceeding from the direction of Triq l-Avjazzjoni Civili, Luqa and on turning around the roundabout in the direction of Luqa the collision occurred”.*

Mix-xhieda tal-PS 947 Adrian Paul Vella u cioe` is-Surgent li investiga l-kaz, jirrizulta li skizz ma sarx ghaliex il-vetturi nvoluti fl-incident kien iccaqalqu qabel l-impatt. Kull ma ghandu a disposizzjoni tieghu dan it-Tribunal huma ghalhekk l-iskizz imhejji mill-konvenut li ghalih saret referenza aktar `il fuq u s-*site plans* tal-lokalita` esebita mill-istess konvenut (a fol. 48 u 49).

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi imressqa quddiemu u huwa tal-fehma li l-konvenut Andreas Schider kien unikament responsabbli ghall-akkadut. Forsi kien ikun aktar opportun li l-attur Carmel Baldacchino zamm fuq il-*lane* ta’ barra una volta li ried jipprocedi ghad-dritt lejn

Hal-Qormi izda it-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-konvenut li kien gej min-naha tax-xellug tal-attur qabad u qasam ghal quddiem il-vettura misjuqa mill-attur biex b’hekk imblukkalu l-karreggjata libera. Il-hsarat riportati fiz-zewg vetturi huma kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident kif riportata fil-verzjoni moghtija mill-attur.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz gew esebiti l-ircevuti relattivi, liema danni jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident de quo. Irid jigi rilevat izda li mid-xhieda tal-attur Carmel Baldacchino irrizulta li huwa ma hallasx *excess* lis-socjeta` attrici u ghalhekk jidher li huwa gie rimborsat in toto ghad-danni minnu sofferti bhala konsegwenza tal-incident tat-18 ta’ Settembru 2001 mis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ it-talba tas-socjeta’ attrici Citadel Insurance plc u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-imsemmija socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm233.92) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 t’April 2003 u ta’ dik prezentata kontestwalment mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------